9 ta' April, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Mary Vassallo *versus* Giovanni Mizzi et.

**Kolpa — Distinzjoni bejn Ħtija Kontrattwali u Ħtija Akwiljana.**

*Il-ħtija, meta tiġi kunsidrata f'-entità ġuridika tagħha, hija waħda; u taħt dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejħa "aquiliana", li titnissel minn delitt jew kważi-delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-"kawża" u fil-"grad".*

*In kwantu għall-kawża, il-ħtija kontrattwali tippresupponi obligazzjoni pre-eżistenti li magħha hija marbuta; mentri l-ħtija akwiljana tippresupponi fatt li minnu titnissel "ex nunc".*

*In kwantu għall-grad, id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabilità, fis-sens illi fil-kolpa kontrattwali wieħed jista' jirrispondi ta' ħtija ħafifa (lieve) jew mill-aktar ħafifa (lievissima), skond il-każ, mentri fil-kolpa akwiljana r-responsabilità testendi ruħha b'mod li dwarha ma hemmx grad.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi talbet li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, billi l-konvenut illoka lilha l-kamra numru 11 tal-fond il-Hamrun, Strada Villambrosa, sottoposta din il-kamra għall-bejt ta' l-istess dar; u billi fis-saqaf ta' dan il-bejt, f'lok xriek jew xorok li hemm imkissra jew neqsin, kien hemm biċċa injama biex tgħatti l-vojt — għuda li kellha tiġi sostitwita b'xorok regolari mill-konvenut, li għalkemm rikjest diversi drabi, u għalkemm il-fond ossija kamra ilha mikrija lilha, ittraskura li jagħmel dan ix-xogħol; u billi fl-11 ta' Jannar tas-sena korrenti hi ġiet misruqa minn nies li daħlu mill-apertura fuq imsemmija minn diversi oġġetti, ċjoè £20. 6. 0 kontanti, coat tal-valur ta' £16, fox tal-valur ta' £12, għaxar pari kalzetti tal-valur ta' £2, u torch-lamp tal-valur ta' 5s., b'kollox £50. 11. 0, salvi affarijiet oħra li jirriżultaw fit-trattazzjoni tal-kawża; il-konvenut (1) jiġi dikjarat responsabbli tad-danni li sofriet hi bis-serq fuq imsemmi a kawża tat-traskuraġini u negliġenza jew kolpa oħra attribwibili lill-konvenut, billi ma rranġax is-saqaf fuq imsemmi; u (2) jiġi kundannat iħallas l-ammont ta' £50. 11. 0 valur ta' l-oġġetti

fuq imsemmija jew ammont iebor verjuri, in kumpens tad-dannu li sofriet l-attriċi bis-serq fuq imsemmi. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Tikkunsidra;

Mill-provi ta' l-attriċi jidher li hija tippretendi li meta daħlet fil-post in kwistjoni kien hemm xrieq nieqes fuq il-bejt tal-post li kriet, u dik l-apertura kienet biss mgħottija b'biċċa injama li kienet minnha tinżel ix-xita għal ġewwa l-istess kamra. Qalet ukoll li hija kienet mifteħma li sid il-post kellu jagħmel xriek f'lok dik l-injama, kif ukoll li l-istess sid il-kera kellu jbajdilha l-kamra u jagħmlilha xi riparazzjonijiet; tenniet fl-aħħarnett li qabel ma sar is-serq lamentat hija kienet insistiet ma' sid il-kera ħafna drabi sabiex jagħmel dak ix-xriek imma ta' xejn..............;

Mill-banda l-oħra, tant Michelangelo Mizzi kemm Giovanni Mizzi jinnegaw li kien hemm xriek nieqes, u li qatt l-attriċi jew Carmelo Gauci qalulhom li kien hemm xriek nieqes, jew li xi ħadd offrielhom li jagħmlu a spejjeż tiegħu. Huwa fatt però li fil-11 ta' Jannar 1949, bejn it-3.30 p.m. sas-6.45 p.m., waqt li l-attriċi u Carmelo Gauci ma kienux fil-post, daħlu xi nies f'dik il-kamra, u biex daħlu wżaw xi għodda li biha kissru dik il-parti tas-saqaf fejn kien hemm l-injama tidher minn ġewwa, kif qalet l-attriċi f'lok xriek, u permezz ta' serratizz twil niżlu fil-kamra ta' l-attriċi, li tgħid bla ma ħadd meriha, anzi korroborata minn Carmelo Gauci, li giet misruqa minn flus u oġġetti li hija semmiet fix-xhieda tagħha — serq li minħabba fih l-attriċi, in vista tat-teżi tagħha, avanzat l-azzjoni odjerna tad-danni kontra Michelangelo Mizzi, sid il-kera in kwistjoni, bħala li ma ħax kura fuq ir-ripetuti talbiet tagħha sabiex jirriparalha l-istess bini, kif kien obbligat ruħu li jagħmel kif hija assumiet il-lokazzjoni ta' dak il-post;

Tikkunsidra;

Illi l-attriċi qiegħda tippretendi minn għand Michelangelo Mizzi danni talli huwa, bħala lokatur, kien traskurat u negliġenti, jew kellu xi ħtija oħra lilu attribwibili, billi ma rranġax is-saqaf tal-kamra imsemmija............ u minn dik l-apertura fil-11 ta' Jannar 1949 daħlulha nies mhux magħrufa fl-assenza tagħha u serquha;

Illi qabel xejn jingħad illi l-ħtija (culpa), meta tiġi kunsidrata fl-entità ġuridika tagħha, hija waħda; u taħt dan l-aspett ma hemmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejħa "aquiliana", li titnissel minn delitt jew kważi-delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-"kawża" u fil-"grad", in kwantu, dwar il-kawża, il-ħtija kontrattwali tippresupponi obligazzjoni pre-eżistenti li magħha hija marbuta, mentri l-ħtija akwiljana tippresupponi fatt li minnu titnissel "ex nunc"; u dwar il-grad, id-differenza hija riposta fl-estensjoni tar-responsabilità, l-għaliex fejn jeżisti kuntratt, wieħed għandu jirrispondi tant tal-ħtija lata kemm tal-ħafifa (leve), u skond il-każi, jista' jirrispondi anki ta' dik li hija mill-aktar ħafifa (lievissima) jekk in-natura tal-kuntratt tkun hekk timponi; mentri fil-każ tal-ħtija akwiljana, li tiddependi minn fatt dannuż, ir-responsabilità indistintament testendi ruħha anki għall-ħtija mill-aktar ħafifa (lievissima), b'mod li dwarha m'hemmx grad, kif jidher mil-liġi 44 Dig. de leg., aquil. (IX, 2), fejn jingħad:— "In lege aquilia et levissima culpa venit";

Illi għalkemm l-attriċi ma qaletx ċar jekk it-talba tagħha ġietx poġġuta fuq l-ewwel jew it-tieni ħtija fuq imsemmija, mill-kliem adoperati fl-att taċ-ċitazzjoni jidher li hija qiegħda tpoġġi l-azzjoni tagħha fuq il-"culpa" kontrattwali, għaliex l-apertura fis-saqaf allegata tal-kamra mikrija mhix inkonċiljabili mal-prevedibilità ta' dak li seta' jiġri u ġara, ċjoè s-serq; u l-istess nuqqas ta' riparazzjoni, tant bħala obligu tal-lokatur li jitnissel mill-kuntratt tal-lokazzjoni, kemm bħala t-traskuraġini tiegħu allegata non ostanti l-insistenzi ta' l-attriċi biex jirriparah, huma vjolazzjoni tal-kuntratt, li kellha bħala konsegwenza diretta s-serq li fil-fatt ġara; u skond il-ġurisprudenza, meta l-fattijiet kolpużi li jsorġu fl-okkażjoni ta' kuntratt ikunu prevedibili meta dak il-ftehim sehh, u huma l-konsegwenza diretta tal-vjolazzjoni tal-kuntratt, l-azzjoni eżerċitata ma tistax tkun dik tal-ħtija akwiljana, iżda dik tal-ħtija kontrattwali. Tabilħaqq, fl-azzjonijiet "ex delicto", ir-relazzjoni bejn min huwa tenut għaddanni u l-offiż ma tkunx tippre-eżisti u tinħoloq mill-fatt kolpuż "ex nunc", kif intqal fuq, mentri fl-azzjonijiet in bażi għal danni dovuti għal ħtija kontrattwali bejn il-persuni fuq

imsemmija, li ma jkunux esatrenei in kwantu għar-rapport, ikun hemm bejniethom *relazzjoni* kontrattwali jew *kważi-kontrattwali*, pre-eżistenti għall-fattijiet kolpużi;

Tikkunsidra;

Illi wara li ġew premessi l-prinċipji fuq imniżżla, jinħad li l-attriċi trid tkun ippruvat il-vjolazzjoni tal-kuntratt u l-fatt a bażi tiegħu. *kif ipproponiet* li tagħmel fil-premessi ta' l-att *taċ-ċitazzjoni* tagħha, sabiex tirnexxi fl-istess azzjoni proposta;

Illi d-dikjarazzjoni kontenuta fl-att *taċ-ċitazzjoni*, li kien hemm għuda biex tgħatti l-vojt ta' xi ħlk nieqes mhix fil-fatt preċiża. Huwa minnu li l-konvenut.............;

*Illi wara li għidna dan, dina l-Qorti sejra tgħaddi biex* teżamina skond il-provi *t-tieni fatt* imniżżel fil-premessi, u ċjoè *li* Michelangelo Mizzi ttraskura li jagħmel dak ix-xriek non'ostanti l-insistenzi ta' l-attriċi. Fuq dana l-*fatt il-provi* mhumiex konkordanti.................;

Illi *di fronti għal dana* l-konflitt huwa ta' min jikkunsidra...............;

*Illi kwindi* dak li *qalet* l-attriċi ma *jikkonvinċix lill-Qorti* b'mod li hija tista' tkun ċerta *minn* dak li hija qalet;

Ill fl-aħħarnett jingħad li fil-kampanja tagħna ħafna mill-kmamar li jinkrew huma bil-mezzu bejt; u kieku kellu jiġi kanonizzat il-prinċipju *li kull min jikri lok b'mezzu* bejt ikun tenut anki għas-serq li jsir bir-rimozzjoni ta' dak il-materjal, il-lokaturi jiġu aggravati b'obligazzjoni li mhix imniżżla fil-liġi dwar il-kuntratt *tal-lokazzjoni*;

Illi kieku kien minnu l-istat tas-saqaf kif qalet l-attriċi, hija, *li kienet taf* bih u kellha l-godiment tal-fond u l-kustodja ta' ħwejjiġha, setgħet ipprevenjet dak li ġara;

*Illi del resto, la kien hemm dak il-mezzu bejt f'lok ix-*xriek, ma kienx ordinarjament prevedibili għal Michelangelo Mizzi li minnu seta' jsir serq;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi *billi tiċħad it-talba* attriċi; bl-ispejjeż kontra tagħha.

---